Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,275, 4 ta' Ottubru, 2019

Taqsima B

A.L.259 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

STATUT GĦAĊ-ĊENTRU TA' RIŻORSI U L-ĠONNA BOTANIĊI TAL-ARGOTTI TAL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), 77(c)(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut għaċ-Ċentru ta' Riżorsi u Ġonna Botaniċi tal-Argotti tal-Università ta' Malta.

Applikabilità

2. Dan l-istatut ikun applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2019 'il quddiem.

Interpretazzjoni

3. F'dan l-Istatut, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma teħtieġx xorta oħra:

"il-Bord" ifisser il-Bord taċ-Ċentru ta' Riżorsi u l-Ġonna Botaniċi tal-Argotti tal-Università ta' Malta;

"iċ-Ċentru" jfisser iċ-Ċentru ta' Riżorsi u l-Ġonna Botaniċi tal-Argotti tal-Università ta' Malta.

It-Twaqqif

4. B'dan il-Attqiegħed jitwaqqaf iċ-Ċentru ta' Riżorsi u l-Ġonna Botaniċi tal-Argotti tal-Università ta' Malta (UMAC).

L-Għanijiet u l-funzjonijiet taċ-Ċentru

5. Iċ-Ċentru se jiffoka fuq taħriġ applikat, riċerka u involviment f'oqsma tax-xjenzi tal-botanika, kif indikat hawn taħt. L-għanijiet taċ-Ċentru huma għalhekk;

(a) li jippromovi l-edukazzjoni għolja fl-oqsma applikati tax-xjenzi botaniċi, inklużi r-riċerka fuq komposti bijoattivi mill-pjanti, l-ethno-botany, it-tassonomija, il-konservazzjoni in-situ u ex-situ ta'speċi rari u fil-periklu li jinqerdu; ir-riabilitazzjoni tal-ħabitats degradati u r-restawrazzjoni tal-ekoloġija, il-palaeo-palynology u l-aerobijoloġija, ortikultura u ġonna storiċi;

(b) li jippreserva, jaġġorna u jespandi l-kollezzjonijiet preżenti tal-pjanti preżenti fil-Ġonna Botaniċi; jiġifieri, fl-erbarju, il-pjanti ħajjin u l-kollezzjonijiet ta' żrieragħ;

(c) li juża ċ-ċentru ta' riżorsi u l-ġonna tiegħu għall-għanijiet ta' tagħlim u ta' taħriġ, u li jgħin fl-asġetti tekniċi u loġistiċi tal-korsijiet ta' studju, li d-diversi entitajiet tal-Università jistgħu jorganizzaw minn żmien għal żmien fix-xjenzi botaniċi u dixxiplini relatati;

(d) li jorganizza lectures pubbliċi u seminars għall-gruppi b'interessi speċjali, bil-għan li jippromovi ċ-Ċentru tar-Riżorsi kif ukoll iqajjem għarfien fil-konservazzjoni tal-flora, ambjenti bis-siġar; ġonna storiċi u s-siġar inġenerali;

(e) li jinkoraġixxi żjarat edukattivi fil-ġonna mit-tfal tal-iskejjel, u minn gruppi oħra li għandhom interess kif ukoll minn individwi;

(f) li jikkollabora ma' istituzzjonijiet internazzjonali f'oqsma ta' interess komuni (li jinkludi internships u taħriġ speċjalizzat għall-istaff) u li jipparteċipa fi proġetti ffinanzjati relatati mal-oqsma ta' interess kif propost f'paragrafu (a) ta' hawn fuq; u

(g) li jwettaq attivitajiet oħra anċillari jew li jwasslu għall-għanijiet imsemmija hawn fuq.

L-Awtorità

6. Iċ-Ċentru jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) Iċ-Chairperson ikun ir-Rettur *ex officio* jew id-delegat tiegħu;
(ii) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università;
(iii) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;
(iv) mhux aktar minn tliet studjużi ta' fama fil-qasam botaniku u ieħor fil-qasam tal-wirt kulturali rrakkomandati mill-Bord u approvati mis-Senat; u
(v) żewġ rappreżentanti eletti mill-istaff taċ-Ċentru.

Ir-Reġistrar *ex officio* jew id-delegat tiegħu jaqdi bħala s-Segretarju tal-Bord.

7. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio* jinħatru għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar.

8. Il-funzjonijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(a) li jmexxi l-affarijiet taċ-Ċentru, skont il-provvedimenti ta' dan l-istatut u ta' dawk ir-regolamenti, policies, jew direzzjonijiet, kif approvati mill-Kunsill u mis-Senat minn żmien għal żmien;

(b) li jiddeċiedi l-policy taċ-Ċentru u li jissorvelja l-attivitajiet u l-amministrazzjoni tiegħu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità li ssemmiet qabel, il-Bord jista':

(i) japprova *business plans* u l-estimi annwali tad-dħul u l-ħruġ taċ-Ċentru għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill;

(ii) bi qbil minn qabel bil-miktub mar-Rettur jagħmel ftehim ma' terzi persuni biex jagħtu fondi liċ-Ċentru jew għall-attivitajiet partikulari;

(iii) jippubblika rapport annwali kkompilat mill-Kuratur-Maniġer;

(iv) jirreġistra liċ-Ċentru f'assoċjazzjonijiet jew f'istituzzjonijiet li għandhom l-istess għanijiet u interessi bil-kunsens bil-miktub mingħand ir-Rettur.

(c) li jwettaq kull funzjoni oħra li twassal għall-esekuzzjoni tal-funzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-Ħatra ta' Kuratur-Maniġer

9. Iċ-Ċentru jkollu Kuratur-Maniġer, li jinħatar mill-Università ta' Malta fuq bażi full-time, wara sejħa għall-applikazzjonijiet.

Id-Dmirijiet tal-Kuratur-Maniġer

10. Id-dmirijiet tal-Kuratur-Maniġer ikunu dawn li ġejjin:

(a) li jipprepara u jimplimenta l-pjan strateġiku taċ-Ċentru;

(b) jimmaniġġa u jamministra ċ-Ċentru u l-istaff tiegħu, kif ukoll jissorvelja l-ħiliet tal-istaff li huma mehmużin maċ-Ċentru;

(ċ) jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-istaff akkademiku u kif ukoll ma' universitajiet u istituzzjonijiet oħra;

(d) li jawtorizza liċ-Ċentru biex jikseb tagħmir; waqt li jiżgura li r-riżorsi assenjati liċ-Ċentru – kemm dawk umani u kemm oħrajn – jiġu utilizzati b'mod sħiħ u effiċjenti;

(e) li jikkompolia u jissottometti rapport annwali lis-Segretarju tal-Università ta' Malta sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena akkademika. F'dan ir-rapport għandu jingħata tagħrif dwar l-attivitajiet li jkunu saru fiċ-Ċentru fis-sena li tkun għaddiet;

(f) li jikkompila u jissottometti lid-Direttur tal-Finanzi tal-Università ta' Malta mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju ta' kull sena akkademika l-estimi għall-baġit finanzjarju għas-sena li jkun imiss, li jkopru x-xogħol kollu li jkun irid isir miċ-Ċentru; u

(g) li jwettaq dawk id-dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Università ta' Malta minn żmien għal żmien.

11. Barra dan, il-Kuratur-Maniġer:

(a) għandu jirrapporta direttament liċ-Chairperson tal-Bord li jmexxi ċ-Ċentru u għandu jikkollabora mal-uffiċjali kollha tal-Università ta' Malta;

(b) m'għandux jimpenja ruħu fi kwalunkwe attività u/jew inizjattiva barra mill-Università li tista' tkun f'konflitt, jew ittellfu, mid-dmirijiet tiegħu fl-Università;

(ċ) m'għandu jgħaddi l-ebda informazzjoni lil terzi persuni li mhumiex assoċjati mal-Università ta' Malta, dwar kwalunkwe xogħol jew *data* li jkollha x'taqsam ma' xogħlijiet li qegħdin isiru fl-Università ta' Malta mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Università ta' Malta; kull xogħol li jkun qed isir fiċ-Ċentru għandu jsir fid-dawl tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-ħarsien tad-*data*.

Koordinaturi Xjentifiċi

12. Membri tal-istaff akkademiku għandhom jużaw ir-riżorsi taċ-Ċentru għat-tagħlim, għar-riċerka u għall-għanijiet ta' involviment ta'organizzazzjonijiet fil-komunità. Il-membri akkademiċi huma wkoll imħeġġa japplikaw għall-proġetti li għandhom bżonn is-sapport taċ-Ċentru, bil-premessa li proġetti bħal dawn huma fir-*raison d'etre* tiegħu. F'każi bħal dawn, il-membru akkademiku li jmexxi proġett ikun riferut bħala l-Koordinatur Xjentifiku tal-proġett, u r-rwol tiegħu ikun limitat għall-proġett rilevanti:

(a) id-deċiżjoni li jqiegħed proġetti li jirnexxu fiċ-Ċentru hija tal-Bord;

(b) l-immaniġġjar tar-riżorsi, inkluż l-istaff, fiċ-Ċentru jaqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kuratur-Maniġer, sakemm il-proġett innifsu ma jkollux il-provvediment tal-ingaġġ tal-istaff;

(ċ) il-Koordinaturi Xjentifiċi ma jkunux ibbażati fiċ-Ċentru b'mod permanenti iżda jagħmlu użu mir-riżorsi taċ-Ċentru b'konnessjoni mal-proġett rispettiv tagħhom.

It-Teżorier

13. Id-Direttur tal-Finanzi tal-Università ta' Malta hu *ex-officio* it-Teżorier taċ-Ċentru.

It-Tħassir

14. L-Istatut għaċ-Ċentru ta' Riżorsi u Ġonna Botaniċi tal-Argotti tal-Università ta' Malta, li kien ippubblikat bħala Avviż Legali 355 tal-2016 u emendat permezz ta' Avviż Legali 98 tal-2017 huwa b'dan imħassar.